PROFILI QALIN

# MIKIEL FRANĠISK BUTTIGIEG

## iben il-Qala li ħabb lill-art twelidu

*Diskors ta' DUN JOE BEZZINA*
*Il-Qala, 22 ta' Settembru, 1989*
*Egħluq il-125 Sena mill-għażla tiegħu bħala l-Ewwel Isqof ta' Għawdex*

*Tibqa' għal dejjem ħajja l-memorja ta' l-ewwel isqof ta' Għawdex. Aħna, li kellna x-xorti nammirawh ħabrieki għal fidi tiegħu, devot fil-pjetà, anġeliku fil-manswetudni, żelanti fil-karità, umli f'nofs l-aqwa glorja, fqir minkejja li ma kien jonqsu xejn, iħobb is-sagrifiċċju, b'kull fervur ta' l-imħabba Divina, u mogħni b'doni mill-iktar rari; aħna, nittamaw li ġa qed igawdi 'l Alla fis-sema minn fejn qed jinterċiedi għal din id-djoċesi għażiża.*

Dawn il-kelmiet ingħadu fuq Mikiel Franġisk Buttigieg, bin Ġużeppi u Marija Manueli, li twieled f'din id-dar fit-triq ewlenija tal-Qala nhar it-3 ta' Novembru, 1793. Fl-istess jum hu rċieva s-sagrament tal-magħmudija u ngħata l-ismijiet ta' Mikiel Franġisk. It-taqlib tar-Rivoluzzjoni Franċiża, li bdiet sewwa sew mitejn sena ilu, nhar l-14 ta' Lulju, 1789, kien allura beda jinħass fostna. Il-glorja ta' l-Ordni ta' San Ġwann kienet waslet fit-tmiem u f'Malta u Għawdex kien reġa' beda jirrenja l-faqar.

Ġużepp u Marija Buttigieg, bħal maġġuranza tal-poplu Għawdxi dik il-ħabta, kienu nies tar-raba'. Minkejja l-faqar, jidher li dawn kienu jaqalgħuha sewwa. Ġużepp barra milli kellu r-raba' kien isib żmien jinnegozja l-qoton, dik il-ħabta l-aqwa industrija ta' dawn il-gżejjer. Kien x'aktarx wieħed mill-ftit Għawdxin li kienu direttament jesportaw il-qoton lejn Malta u anki 'l barra minn Malta.

Minħabba f'hekk, meta Mikiel beda jitfarfar, qatgħuha li jagħtuh edukazzjoni mill-aqwa. Iżda fejn? Dak iż-żmien Għawdex ma kienx hawn għajr skola waħda, l-Iskola tal-Matriċi fiċ-Ċittadella, u din ma kinitx għaż-żgħar, iżda għal dawk li kellhom xeħta għas-saċerdozju. Ħadu għalhekk id-deċiżjoni li jibgħatuh Malta għand zijuh minn naħa ta'ommu. Ta' disa' snin telaq mill-Qala għall-Belt Valletta, fejn irċieva edukazzjoni privata mill-aħjar.

Malta dak iż-żmien kienet għadha kif għaddiet taħt l-Ingliżi u fl-ewwel snin tal-bidla l-kummerċ ġie ħafna 'l quddiem. Nifhmu li kien f'dan iż-żmien li Ġużeppi, missier Mikiel, kabbar sewwa l-ġid tiegħu, ġid li, eventwalment, kellu jħalli għal ibnu li użah biex saru opri ta' l-ikbar ġieh fil-Knisja ta' Għawdex.





**Lejn is-saċerdozju**

Mikiel għamel passi 'l quddiem mhux biss fil-għerf, iżda wkoll fil-ħajja tar-ruħ, u f'qasir żmien ħass is-sejħa għas-saċerdozju. Lejn l-1809, meta kellu sittax-il sena, daħal fis-Seminarju u beda jistudja l-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università Rjali ta' Malta. Tant għamel suċċess fl-istudji tiegħu, li tnejn mill-aqwa professuri ta' dik il-ħabta, Patri Ferroni, konventwali, u Patri Vella, agostinjan, ħeġġewh ħalli jkompli għad-dottorat. Fil-fatt, ftit qabel ma qaddes, fl-1816, hu rċieva l-grad tad-dottorat fit-Teoloġija Dommatika u Morali mill-imsemmija Università.

Mikiel Buttigieg kien sadatant temm l-istudji tiegħu. Nhar il-21 ta' Diċembru, 1816, hu kien ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Malta Ferdinandu Mattei. L-ewwel sitt snin tas-saċerdozju għaddihom jaħdem il-Qala, post twelidu, u l-Belt Valletta. Il-Qala għamilha għal sitt xhur ta'



viċendarju fil-Knisja ta' Santa Marija, magħrufa wkoll bħala tal-Kunċizzjoni. Il-Belt Valletta kien assistent tal-Kor fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann; membru tal-kulleġġ ta' qassisin residenti fil-Knisja ta' San Ġakbu li bit-turnu kienu lejl u nhar jassistu l-agonizzanti tal-Belt Valletta; u kien ukoll wieħed mill-konfessuri uffiċjali tal-Parroċċa tan-Nawfraġju ta' San Pawl. Minħabba dan l-aħħar uffiċju u 'l għaliex l-għerf u t-tjubija tiegħu kienu magħrufa ma kulħadd, hekk kif għalaq l-erbgħa u għoxrin sena, hu ngħata l-permess li jqarar kemm l-irġiel, kif ukoll lin-nisa, ħaġa xejn komuni għal dak iż-żmien. Dawn it-tliet uffiċji li wettaq il-Belt Valletta fl-ewwel snin tas-saċerdozju kellhom jibqgħu dominanti tul ħajtu kollha.

**Kappillan tax-Xagħra**

Ħidmietu fil-Kon-Katidral, mal-agonizzanti u fil-konfessjonarju kienu magħrufa ma' kulħadd fil-Belt Valletta. Meta fil-bidu ta' l-1823, hu qagħad għal konkors tal-parroċċa tax-Xagħra, l-eżaminaturi prosinodali ma kellhomx għażla vera x'jagħmlu. Ħadd ma kien jistħoqqlu l-parroċċa daqs Dun Mikiel. Id-digriet tal-ħatra tiegħu bħala kappillan tax-Xagħra inħareġ mill-Isqof Ferdinandu Mattei fis-26 ta' April, 1823. Dun Mikiel ħa l-pussess bħala s-seba' kappillan tal-parroċċa tax-Xagħra nhar is-16 ta' Mejju,1823.

Dik il-parroċċa kienet għadha ma stejqritx mill-imxija tal-pesta li, fl-1814, kienet ħalliet 104 persuni mejtin, fosthom lill-kappillan, u ħafna għaks u faqar. Tant hu hekk li t-tkabbir tal-knisja li kien beda qabel l-imxija kien għadu wieqaf. Iżda għal Buttigieg ma kien hemm ebda diffikultà tant kbira li ma tistax tintrebah. Wara għotja personali tas-somma enormi ta' 2,100 skud - sewwa wieħed iġib quddiem għajnejh li mas-sittin skud kienu paga ta' sena ta' ħaddiem ta' l-id - ix-xogħol reġa' beda b'rittmu mgħaġġel.

Tul il-ħamsa u għoxrin sena li dam imexxi l-parroċċa tax-Xagħra, mhux biss temm kważi għal kollox il-bini tal-knisja parrokkjali, iżda għamel ukoll diversi opri artistiċi u ta' utilità. Il-ħajja pastorali tal-parroċċa għamlet ukoll passi kbar 'l quddiem. Mhux ta' b'xejn. Il-kappillan Buttigieg kien lest jissagrifika kollox għal merħla tiegħu. Infatti, tul l-imxija tal-kolera f'1837, hu assista kontinwament il-moribondi b'periklu ta' l-istess ħajtu. B'għemilu rnexxielu jressaq lejh ix-Xagħrin kollha.

**Arċipriet tal-Katidral**

Fil-bidu tas-sena 1848, hu għamel il-konkors għall-arċipretura tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex, allura l-ogħla post ekkleżjastiku tal-gżira Għawdxija. Kienu b'kollox sittax-il qassis għaref minn Għawdex u minn Malta li qagħdu għal konkors. Buttigieg ġie l-ewwel. Id-digriet tal-ħatra tiegħu nħareġ minn Ruma nhar il-15 ta' Lulju, 1848, ħa l-pussess bħala Arċipriet tal-Matriċi u l-ewwel dinjità tal-kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Għawdex lejliet Santa Marija 1848. Ftit jiem wara ħa wkoll il-pussess bħala kappillan ta' San Ġorġ, uffiċju allura marbut ma l-arċipretura tal-Katidral.

Mal-ħatra tiegħu, kif naqraw f'kitba ta' żmienu "it-tiżjin tal-festi titulari taż-żewġ parroċċi beda jiżdied għax hu sar il-kontributur ewlieni; il-knejjes kienu miksija bid-damask u mogħnija bi ħwejjeġ oħra għax meta jonqsu l-flus kien joħroġ il-kumplament; iċ-ċerimonji fil-knisja wkoll żdiedu sewwa għax hu kien minn ta' l-ewwel li jgħin ħa jsir kollox kif imiss."

L-aqwa opra li saret fi żmienu u li ħallas għaliha hu sa l-inqas ħabba hu l-artal maġġur u l-presbiterju tal-Knisja Matriċi, illum Katidral, xogħol id-disinjatur Ruman Vincenzo Belli, opra li għadha sal-lum issebbaħ l-ogħla maqdes ta' Għawdex.

Iżda dan ma kienx biżżejjed. Il-fqar qatt ma ħabbtu għalxejn il-bibien ta' daru. Iżda l-ħtiġijiet spiritwali tal-parruċċani kienu jiġu l-ewwel u qabel kollox. Tant hu hekk li tul l-Avvent u r-Randan kien igħaddi sigħat sħaħ jisma' l-qrar tan-nisa u ta' l-irġiel. Mhux ta' b'xejn li kien maħbub u miżmum fuq wiċċ l-idejn minn kulħadd.

**Lejn it-twaqqif tad-Djoċesi**

Meta sar Arċipriet tal-Matriċi. Dun Mikiel sar, irid u ma jridx, il-kap tal-grupp ta' qassisin u ftit sinjuri tal-gżira Għawdxija li kienu qed jagħmlu ħidma sfiqa ħalli jaqtgħu 'l gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna mid-djoċesi ta' Malta u jwaqqfuhom fi djoċesi għalihom. Ftit wara l-ħatra tiegħu, dan il-grupp kien sab l-għajnuna ndispensabbli ta' żewġ Rabtin: Dun Pietru Pace, qassis li kien qed jistudja Ruma, u Adrian Dingli, avukat tal-Kuruna. Kienu ħalfu dawn li ma jiqfux minn ħidmiethom qabel ma' d-djoċesi sseħħ.

L-Arċipriet Buttigieg ma qagħadx lura u beda personalment joħroġ parti mill-ispejjeż li kienu qed isiru biex il-pjan tad-djoċesi jirbah kull tfixkil. Lejn tmiem l-1862, deher li t-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex kienet biss kwistjoni ta' żmien. Intalab għalhekk il-parir ta' dawk involuti lil min kien bi ħsiebhom jissuġġerixxu bħala isqof.

Il-kleru u l-poplu Għawdxi ma kellhom ebda diffikultà x'kellha tkun ir-risposta: Mikiel Franġisk Buttigieg. Jixhdu dan b'mod ċar id-dokumenti li hemm miġbura dwar il-kwistjoni fl-Arkivju Vatikan. Il-Gvern Ingliż ukoll kellu rispett kbir lejh u meta kien ikkonsultat dwar il-persuna suġġerita mill-Għawdxin, mhux biss qabel magħha, iżda ta' parir li ma tistax tinstab persuna aħjar.

**Isqof Awżiljarju**

Hekk kif intemmu l-proċeduri kollha meħtieġa, fil-konċistorju sigriet tas-16 ta' Marzu, 1863, tħabbar li l-Arċipriet tal-Matriċi, Mikiel Franġisk Buttigieg, inħatar bħala isqof awżiljarju ta' l-isqof ta' Malta b'ordni biex joqgħod f'Għawdex.

Buttigieg dlonk telaq lejn Ruma. Nhar id-29 ta' April, hu kellu udjenza privata mal-Papa Piju IX u wara li rringrazzjah ta' kemm kellu f'qalbu lill-Għawdxin, talbu biex ma jdumx ma jasal il-waqt li Għawdex jsir djoċesi.

Il-Ħadd, 3 ta' Mejju, 1863, Buttigieg kien ikkonsagrat bħala Isqof Titulari ta' Lete fil-Knisja tas-Santissima Trinità f'Montecitorio, Ruma. Għall-konsagrazzjoni, li ngħatatlu mill-Kardinal Nikola Clarelli-Paracciani, assistew numru konsiderevoli ta' Maltin u Għawdxin li marru Ruma apposta. Il-**Giornale di Roma** ta deskrizzjoni taċ-ċerimonja fl-ewwel faċċata.

L-Isqof Buttigieg għamel l-ingress solenni tiegħu f'Għawdex nhar l-14 ta' Ġunju. Saritlu dimostrazzjoni kbira mix-Xatt sar Rabat, fejn it-toroq ewlenin kienu mżejjna bil-bnadar u l-frieghi tal-palm. Kif il-karozzella li






kien fuqha waslet fit-trufijiet tar-Rabat, in-nies neħħew iż-żmiemel u ġibduh bl-idejn sal-Matriċi.

**Isqof ta' Għawdex**

Il-ħidma sfiqa ta' Buttigieg u tal-Għawdxin kienet fl-aħħar inkurunata. Nhar is-16 ta' Settembru, 1864, permess tal-Bolla **Singulari Amore — B'Imħabba liema bħalha,** il-Papa Piju IX waqqaf il-KNISJA TA' GĦAWDEX.

Sitt ijiem wara, nhar it-22 ta' Settembru, 1864, sewwa sew mija u ħamsa u għoxrin sena ilu bħal-lum, il-Papa għażel lil Mikiel Franġisk Buttigieg bħala l-ewwel Isqof tal-Knisja ta' Għawdex. Fost id-daqq tal-qniepen u tal-baned, it-tfaqqigħ tal-murtali, u l-għajjat tal-poplu ferħan, hu għamel l-Ingress tiegħu fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex nhar it-22 ta' Ottubru, 1864.

Is-sena ta' wara l-Isqof Buttigieg beda viżta pastorali tad-djoċesi li matulha ħareġ diversi digrieti biex iġib 'il quddiem il-ħajja pastorali. Tħabat wkoll ħalli fl-iqsar żmien possibli jiftah Seminarju. Iżda ma kellux jara dil-ħolma sseħħ. Hu miet fl-età ta' 73 sena nhar it-12 ta' Lulju, 1866.

L-ittri li rċieva meta sar isqof ta' Għawdex u l-kitbiet dwaru meta miet huma xhieda ta' kemm kien rispettat minn kullħadd mhux biss hawn Għawdex, iżda wkoll barra mix-xtut tagħna. Mikiel Franġisk Buttigieg, bin il-Qala, jibqa' għal dejjem jissemma fl-annali ta' l-istorja tagħna bħala iben li ħabb fuq kollox lill-art twelidu.